# QABEL IL-LEJL (*)

*Ta'* JOSEPH M. CIAPPARA

Minn fuq is-swar, nitnikker fil-għaxija,
ilmaħt ix-xemx titħarrab mis-smewwiet,
u rajtha nieżla xxerred l-aħħar dija,
u ssib mistrieħ fix-xefaq tal-għoljiet.

Ilmaħt żagħżugħ u tfajla fil-mogħdija
li tibqa' tilwi qalb l-irdumijiet;
u smajt il-klieb tal-għassa għalenija
itennu n-nebħa twila ta' l-imwiet.

Il-friefet hargu tal-lejl li kien ġej;
fis-skiet indifnet il-qalb tal-ħolqien,
u d-dalma ħonqot u sakkret l-imħuħ:

u tnissel fija biża' kbir, Mulej,
li 'l-bniedem ħati ma tagħtix qawmien
minn dik ir-raqda li tmarrad ir-ruħ.

(*) Fuq is-swar ta' Howard Gardens, ir-Rabat, int u tħares lejn l-Imtarfa.